DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI
*DEPARTMENT OF INFORMATION*
MALTA

# Press Release

**PR190722** **08.04.2019**

**STQARRIJA MILL-MINISTERU GĦAT-TRASPORT, INFRASTRUTTURA U PROĠETTI KAPITALI**

***31 perit jirċievu l-warrant***

31 perit ġdid u ġdida ntlaqgħu fil-Ministeru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali fejn ġew ippreżentati bil-*warrant* mill-Ministru Ian Borg.

Waqt li kien qiegħed jindirizza lill-periti ġodda, il-Ministru Borg qal li din il-professjoni ġġorr magħha bilanċ ta' sodisfazzjon u responsabbiltà, u li s-sodisfazzjon jiġi biss jekk il-professjoni titwettaq bl-istess responsabbiltà. Huwa ddeskriva lill-perit bħala dak il-professjonist li jħares lejn il-pajsaġġ arkitettoniku ta' pajjiżna u jara kif jista' jtejbu, iġeddu jew joħolqu.

"Nemmen bis-sħiħ li l-ġenerazzjonijiet li jmiss huma fost dawk li jistgħu jkomplu jwettqu l-ħidma favur futur aktar sostenibbli, u fil-professjoni tagħkom intom il-ġenerazzjoni l-ġdida, intom għankom ikollkom viżjoni u perspettiva friska u għandkom toħolmu b'mod differenti," qal il-Ministru.

Huwa spjega kif is-suċċess ekonomiku li qiegħed jesperjenza pajjiżna wassal għal tkabbir fl-industrija tal-kostruzzjoni, li issa qiegħda tgħin biex tħaddem l-ekonomija wkoll. Fl-istess waqt, il-Ministru saħaq dwar l-importanza li naraw il-kwalità tal-frott li tħalli din l-industrija u li nagħmlu ħilitna biex ma jkunx hemm abbużi. "Huwa għalhekk", saħaq il-Ministru, "li huwa essenzjali li professjonisti bħalkom u bħall-inġiniera jsegwu x-xogħol mhux biss waqt l-istadju tal-kostruzzjoni iżda matul il-ħajja ta' kwalunkwe binja".

Il-Ministru Borg qal kif f'dawn l-aħħar ġimgħat rajna li s-suq tal-proprjetà ra tkabbir ta' 9%, suq li kiber primarjament minħabba tkabbir ġenerali fl-ekonomija u f'setturi oħra li qegħdin anke jsostnu lil dan is-settur. Huwa qal li dan it-tkabbir ifisser li għandna bżonn aktar professjonisti jaħdmu f'dan il-qasam, professjonisti li jistgħu jieħdu deċiżjonijiet favur il-progress u s-sostennibilità. Huwa qal li għalkemm wieħed ma jistax iħassar dak li jkun sar fil-passat, il-futur għadu mżewwaq b'opportunitajiet biex pajjiżna jiżviluppa b'mod sostenibbli.

"Intom se jkollkom l-opportunità li taraw titjib f'din l-industrija. Il-Ministeru qiegħed jaħdem bis-sħiħ biex minbarra li titwaqqaf il-Malta Construction and Building Authority biex ikun hemm aktar koordinazzjoni bejn il-liġijiet varji u l-entitajiet kif ukoll biex naħdmu aktar b'mod koordinat fuq il-kunċetti tas-sigurtà, sostennibilità u kwalità, qiegħed għaddej ukoll b'ħidmiet diversi mal-entitajiet li jaqgħu fi ħdan dan il-Ministeru.. Min-naħa tiegħi inħeġġiġkom biex intom li se tkunu qegħdin taħdmu fuq l-istess binjiet li jridu jitilgħu, tużaw il-professjoni tagħkom bl-akbar responsabilità, timxu mal-kodiċi tal-etika u tkunu innovattivi. B'dan il-mod, ikollkom l-akbar sodisfazzjon mill-karriera tagħkom għax tkunu qegħdin tgħinu bidla pożittiva għal pajjiżkom u tkunu qegħdin twettqu dmirijietkom b'mod li huwa denju ta' din il-*warrant*. Nawguralkom", għalaq il-Ministru Borg.

**Attachments: photos** 

3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700 Fax +(356) 2200 1775

**press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt**